31977L0311

28.4.1977 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 105/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tad-29 ta' Marzu 1977

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-livell ta' storbju kif jinstema' mis-sewwieq ta' trattur bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija

(77/311/KEE)

IL-KUNSILL TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi, sabiex tiġi implimentata l-proċedura għall-approvazzjoni tat-tip KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE ta' l-4 ta' Marzu 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward l-approvazzjoni tat-tip ta' bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija [3], għandhom jiġu adottati disposizzjonijiet li jassiguraw kondizzjonijiet tax-xogħol sikuri u, b'mod partikolari, il-protezzjoni tas-smiegħ ta' ħaddiema agrikoli li jsuqu tali trattur;

Billi dawn id-disposizzjonijiet huma partikolarment meħtieġa billi f'żewġ Stati Membri biss il-liġi tistabbilixxi disposizzjonijiet dettaljati dwar il-livell ta' storbju kif jinstema' mis-sewwieq tat-hawn fuq imsemmija;

Billi d-disparitajiet fil-liġijiet nazzjonali hawn fuq imsemmija x'aktarx ixekklu l-kummerċ fil-Komunità u b'hekk jimpedixxu t-twaqqif u l-ħidma tas-suq komuni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, "trattur għall-agrikoltura jew għall-forestrija" ifisser kwalunkwe vettura bil-mutur, mgħammra b'roti jew ċineg mingħajr tarf u li għandu mill-anqas żewġ fusien, li l-funzjoni ewlenija tiegħu tinsab fis-saħħa trattiva tiegħu u li jkun speċifikament iddisinjat biex jirmonka, jimbotta, iġġorr jew jagħti saħħa lil ċertu għodda, makkinarju jew karrijiet intenzjonati għal użu għall-agrikoltura jew għall-forestrija. Jista' tkun mgħammar biex iġorr tagħbija u passiġġieri.

2. Din id- Direttiva għandha tapplika biss għal definiti fil-paragrafu 1 li huma mgħammra b'*tyres* pnewmatiċi u għandhom żewġ fusien u velocità massima skond id-disinn ta' bejn 6 u 25 km/s.

[1] ĠU C 127, tat-18.10.1974, p. 34
[2] ĠU C 125, tas-16.10.1974, p. 30.
[3] ĠU L 84, tat-28.3.1974, p. 10.

Artikolu 2

1. Ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti approvazzjoni tat-tip kee jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali jew jipprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' kwalunkwe trattur minħabba raġunijiet relatati mal-livell ta' storbju kif jinstema' mis-sewwieq jekk dan il-livell ikun fil-limiti li ġejjin:

90 dB (A) skond l-Anness I, jew

86 dB (A) skond l-Anness II.

Għal perjodu transitorju li jiskadi f'data li għandha tiġi ffissata qabel l-1 ta' Ottubru 1981 skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad- Direttiva 74/150/KEE, il-limiti hawn fuq imsemmija għal testijiet skond 3.2.1.1 ta' l-Anness I u 3.2.2.1 ta' l-Anness II għandhom jiżdiedu b' 6 dB (A).

2. Għal perjodu transitorju li jiskadi f'data li għandha tiġi ffissata qabel l-1 ta' Ottubru 1981 skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 74/150/KEE, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali, il-bejgħ, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' mingħajr kabina jekk il-livell ta' storbju tagħhom ikun fil-limiti li ġejjin:

96 dB (A) skond l-Anness I, jew

92 dB (A) skond l-Anness II.

Artikolu 3

Għall-għanijiet ta' din id- Direttiva, "kabina" tfisser kull struttura mibnija minn komponenti riġidi, trasparenti jew le, li tagħlaq totalment lis-sewwieq u tiżolah minn barra, u hi kapaċi li tinżamm magħluqa b'mod permanenti waqt is-servizz.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraq li kemm fil-presentazzjoni tal-bejgħ kif ukoll fir-riklamar ma jkun hemm xejn li jissuġġerixxi li t- għandhom karatteristiċi relatati mal-livell ta' storbju kif jinstema' mis-sewwieq li huma fil-fatt ma jkollhomx.

Artikolu 5

Kwalunkwe emendi meħtieġa għall-adattazzjoni tal-ħtiġiet ta' l-Annessi għall-progress tekniku għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad- Direttiva 74/150/KEE.

Artikolu 6

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifikazzjoni tagħha u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva huwa kommunikat lill-Kummissjoni.

Artikolu 7

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Marzu 1977.

Għall-Kunsill

Il-President

G. KAUFMAN

ANNESS I

APPARAT, KONDIZZJONIJIET U METODU TA' KEJL

1. UNITA' TA' KEJL U APPARAT TA' KEJL

1.1. Unità ta' kejl

Il-livell ta' storbju għandu jitkejjel b'dB b'piż A, espressa bħala dB (A).

1.2. Apparat ta' kejl

Il-livell ta' storbju kif jinstema' mis-sewwieq għandu jitkejjel permezz ta' miter tal-livell ta' ħsejjes kif deskritt fl-ewwel edizzjoni tal-Pubblikazzjoni 179/1965 tal-Kummissjoni Internazzjonali Elettroteknika.

Fil-każ ta' riżultati varjabbli, il-medja tal-valuri massimi għandha tittieħed.

2. KONDIZZJONIJIET TA' KEJL

Il-kejl għandu jsir taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

2.1. it-trattur ma għandux ikun mgħobbi, i.e. mingħajr aċċessorji fakultattivi, imma għandu jinkludi likwidu għat-tkessiħ, lubrikant, tank mimli bil-karburant, għodda u sewwieq. Dan ta' l-aħħar ma jistax jilbes ħwejjeġ li huma ħoxnin b'mod abnormali, xalpa jew kappell. Ma jista' jkun hemm ebda oġġett fuq it-trattur li x'aktarx itellef il-livell ta' l-istorbju;

2.2. it-*tyres* għandhom jkunu minfuħin sall-pressjoni rakkomandata mill-manufattur tat-trattur, il-magna, il-fusien ta' trasmissjoni u sewqan għandhom jkunu ta' temperatura normali u jekk jiġu mgħammra b'*radiator blinds* dawn għandhom jinżammu miftuħa waqt il-kejl;

2.3. jekk ikunu suġġetti li jaffetwaw il-livell ta' storbju, apparat żejjed li jieħu s-saħħa mill-magna ew li jieħu s-saħħa minnu nnifsu, bħal wajpers tal-*wind screen*, fan ta' l-arja sħuna jew *power take-off*, per eżempju, ma jistgħux ikunu qegħdin jaħdmu meta jkun isir il-kejl; partijiet li normalment jaħdmu fl-istess ħin tal-magna, bħall-fan għat-tkessiħ tal-magna, per eżempju, għandhom jkunu qegħdin jaħdmu meta jittieħed il-kejl;

2.4. iż-żona tat-test għandha tkun f'post miftuħ li huwa silenzjuz biżżejjed; tista' tieħu l-forma, per eżempju, ta' spazju miftuħ ta' radju ta' 50 metru, li jkollu parti ċentrali b'radju ta' mill-inqas 20 m u li hu prattikament livell, jew ta' sezzjoni livellata li jkollha korsa solida b'wiċċ kemm jista' jkun ċatt u bi ftit gandotti. Il-korsa għandha tkun kemm jista' jkun nadifa u niexfa (eż. ħielsa minn żrar, weraq, silġ. eċċ.). Nżul u irregolaritajiet huma aċċettabli biss jekk il-varjazzjonijiet fil-livell ta' storbju ikkawżati minnhom jaqgħu fil-limiti ta' tolleranzi ta' żball ta' l-apparat li jkejjel;

2.5. il-wiċċ tal-korsa għandu ikun tali li ma jikkawżax storbju eċċessiv mit-*tyres*;

2.6. it-temp għandu ikun tajjeb u niexef bi ftit jew xejn riħ. Il-livell ta' storbju ambjentali kif jinstema' mis-sewwieq dovut għar-riħ u għal sorsi oħra ta' storbju għandu ikun mill-inqas 10 dB (A) taħt il-livell ta' storbju tat-trattur.

2.7. jekk tintuża vettura għall-kejl, din għandha tiġi irmunkata jew misjuqa 'l bogħod biżżejjed mit-trattur sabiex tevita kull interferenza. Waqt il-kejl l-ebda oġġett li jinterferixxi mal-kejl jew uċuħ riflettivi ma jista' jitpoġġa sa 20 metru minn kull naħa tal-korsa tat-test u inqas minn 20 metru minn quddiem u wara tat-trattur. Din il-kondizzjoni tista' titqies aderuta jekk il-varjazzjonijiet fil-livell ta' istrobju hekk kawżati jibqgħu fil-limiti tat-tolleranzi ta' żball; jekk le, il-kejl għandu jitwaqqaf għat-tulta' l-interferenza.

2.8. il-kejl kollu f'serje partikolari għandu isir fuq l-istess korsa.

3. METODU TA' KEJL

3.1. Il-mikrofonu għandu jitpoġġa 250 mm mal-ġenb tal-pjan ċentrali tas-sedil, il-ġenb ikun dak fejn jinstab l-iktar livell għoli ta' storbju,

Id-diaframma tal-mikrofonu għandha ħares 'l quddiem u ċ-ċentru tal-mikfrofonu għandu ikun 790 mm fuq u 150 mm 'l quddiem mill-punt ta' referenza tas-sedil deskritt fl-Anness III. Għandha tiġi evitata vibrazzjoni eċċessiva tal-mikrofonu.

3.2. Il-livell massimu ta' storbju f'dB (A) għandu jiġi determinat kif ġej:

3.2.1. l-aperturi kollha (eż. bibien, twieqi) fi li jkolhom struttura ta' kabina magħluqa u magħmula f'serje għandhom jkunu magħluqin waqt serje inizzjali ta' kejl.

3.2.1.1. Waqt it-tieni serje ta' kejl dawn għandhom jitħallew miftuħin, sakemm meta jinfetħu ma joħolqux periklu għas-sigurta' fit-triq, imma *wind screens* li jintwew 'l-isfel jew 'l fuq għandhom jinżammu magħluqa;

3.2.2. l-istorbju għandu jiġi mkejjel permezz ta' miter tal-livell ta' ħsejjes li jkollu rispons bil-mod waqt it-tagħbija u li jikkorrispondi ma' l-istorbju massimu fil-*gear* li jagħti veloċità 'l quddiem l-eqreb ta' 7.25 km/h.

Il-liver ta' kontroll li jirregola għandu ikun miftuħ kollu. Billi tibda mingħajr ebda tagħbija, it-tagħbija għandha tiżdied sakemm jinstab il-livell massimu ta' storbju. Wara kull żieda ta' tagħbija, għandu jitħalla ħin sabiex il-livell ta' storbju jistabbilizza qabel ma jsir il-kejl;

3.2.3. l-istorbju għandu jitkejjel permezz ta' miter tal-livell ta' ħsejjes li jkollu rispons bil-mod waqt it-tagħbija u li jikkorrispondi ma' l-istorbju massimu f' kull gear barra dak imsemmi f' 3.2.2 li fuqha l-livell ta' storbju rreġistrat huwa ta' mill-inqas 1 dB (A) 'l fuq minn dak irreġistrat fuq il-gear imsemmi f' 3.2.2.

Il-liver ta' kontroll li jirregola għandu ikun miftuħ kollu. Billi tibda mingħajr ebda tagħbija, it-tagħbija għandha tiżdied sakemm jinstab il-livell massimu ta' storbju. Wara kull żieda ta' tagħbija, għandu jitħalla ħin sabiex il-livell ta' storbju jistabbilizza qabel ma jsir il-kejl;

3.2.4. l-istorbju għandu jitkejjel bid-disinn ta' veloċità massima tat-trattur mhux mgħobbi.

3.3. Ir-rapport tat-test għandu jinkludi kejl tal-livell ta' storbju mwettqa taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

3.3.1. fuq il-*gear* li jagħti veloċità l-eqreb għal 7.25 km/h;

3.3.2. fuq kull *gear*, jekk il-kundizzjonijiet deskritti f' 3.2.3 jiġu mħarsa;

3.3.3. fil-veloċità massima skond id-disinn.

4. KRITERJI TA' EVALWAZZJONI

Il-kejl deskritti f' 3.2.1, 3.2.2, 3.2.3 u 3.2.4 ma jistgħux jaqbżu l-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2.

ANNESS II

APPARAT, KONDIZZJONIJIET U METODU TA' KEJL

1. UNITÀ TA' KEJL U APPARAT TA' KEJL

1.1. Unità ta' kejl

Il-livell ta' storbju għandu jitkejjel b'dB b'piż A, espressa bħala dB (A).

1.2. Apparat ta' kejl

I l-livell ta' storbju kif jinstema' mis-sewwieq għandu jitkejjel permezz ta' miter tal-livell ta' ħsejjes kif deskritt fl-ewwel edizzjoni tal-Pubblikazzjoni 179/1965 tal-Kummissjoni Internazzjonali Elettroteknika.

Fil-każ ta' riżultati varjabbli, il-medja tal-valuri massimi għandha tittieħed.

2. KONDIZZJONIJIET TA' KEJL

Il-kejl għandu jsir taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

2.1. it-trattur ma għandux ikun mgħobbi, i.e. mingħajr aċċessorji fakultattivi, imma għandu jinkludi likwidu għat-tkessiħ, lubrikant, tank mimli bil-karburant, għodda u sewwieq. Dan ta' l-aħħar ma jistax jilbes ħwejjeġ li huma ħoxnin b'mod abnormali, xalpa jew kappell. Ma jista' jkun hemm ebda oġġett fuq it-trattur li x'aktarx itellef il-livell ta' l-istorbju;

2.2. it-*tyres* għandhom jkunu minfuħin sall-pressjoni rakkomandata mill-manufattur tat-trattur, il-magna, il-fusien ta' trasmissjon u sewqan għandhom jkunu ta' temperatura normali u, jekk il-magna ikollha *louvres* li jkessħu, dawn għandhom jinżammu kompletament miftuħa;

2.3. jekk ikunu suġġetti li jaffetwaw il-livell ta' storbju, apparat żejjed li jieħu s-saħħa mill-magna jew li jieħu s-saħħa minnu nnifsu, bħal wajpers tal-*wind screen*, fan ta' l-arja sħuna jew *power take-off*, per eżempju, ma jistgħux ikunu qegħdin jaħdmu meta jkun isir il-kejl; partijiet li normalment jaħdmu fl-istess ħin tal-magna, bħall-fan għat-tkessiħ tal-magna, per eżempju, għandhom jkunu qegħdin jaħdmu meta jittieħed il-kejl;

2.4. iż-żona tat-test għandha tkun f'post miftuħ li huwa silenzjuz biżżejjed: tista' tieħu l-forma, per eżempju, ta' spazju miftuħ ta' radju ta' 50 metru, li jkollu parti ċentrali b'radju ta' mill-inqas 20 m u li hu prattikament livell, jew ta' sezzjoni livella li jkollha korsa solida b'wiċċ kemm jista' jkun ċatt u bi ftit gandotti. Il-korsa għandha tkun kemm jista' jkun nadifa u niexfa (eż. ħielsa minn żrar, weraq, silġ. eċċ.). Nżul u irregolaritajiet huma aċċettabli biss jekk il-varjazzjonijiet fil-livell ta' storbju ikkawżati minnhom jaqgħu fil-limiti tat-tolleranzi ta' żball ta' l-apparat li jkejjel.

2.5. il-wiċċ tal-korsa għandu ikun tali li ma jikkawżax storbju eċċessiv mit-*tyres*;

2.6. it-temp għandu ikun tajjeb u niexef bi ftit jew xejn riħ.

Il-livell ta' storbju ambjentali kif jinstema' mis-sewwieq dovut għar-riħ u għal sorsi oħra ta' storbju għandu ikun ta' mill-inqas 10 dB (A) taħt il-livell ta' storbju tat-trattur.

2.7. jekk tintuża vettura għall-kejl, din għandha tiġi irmunkata jew misjuqa 'l bogħod biżżejjed mit-trattur sabiex tevita kull interferenza. Waqt il-kejl l-ebda oġġett li jinterferixxi mal-kejl jew uċuħ riflettivi ma jista' jitpoġġa sa 20 metru minn kull naħa tal-korsa tat-test u inqas minn 20 metru minn quddiem u wara tat-trattur. Din il-kondizzjoni tista' titqies aderuta jekk il-varjazzjonijiet fil-livell ta' istrobju hekk kawżati jibqgħu fil-limiti tat-tolleranzi ta' żball; jekk le, il-kejl għandu jitwaqqaf għal kemm iddum l-interferenza.

2.8. il-kejl kollu f'serje partikolari għandu isir fuq l-istess korsa.

3 METODU TA' KEJL

3.1. Il-mikrofonu għandu jitpoġġa 250 mm mal-ġenb tal-pjan ċentrali tas-sedil, il-ġenb ikun dak fejn jinstab l-iktar livell għoli ta' storbju.

Id-diaframma tal-mikrofonu għandha tħares 'l quddiem u ċ-ċentru tal-mikrofonu għandu ikun 790 mm fuq u 150 mm 'l quddiem mill-punt ta' referenza tas-sedil deskritt fl-Anness III. Għandha tiġi evitata vibrazzjoni eċċessiva tal-mikrofonu.

3.2. Il-livell ta' storbju għandu jiġi determinat kif ġej:

3.2.1. it-trattur għandu jinstaq tul is-sezzjoni bl-istess veloċità tat-test mill-inqas tlett darbiet għal mill-inqas 10 sekondi;

3.2.2. l-aperturi kollha (eż. bibien, twieqi) fi li jkolhom struttura ta' kabina magħluqa magħmula f'serje għandhom jkunu magħluqin waqt serje inizzjali ta' kejl.

3.2.2.1. Waqt it-tieni serje ta' kejl dawn għandhom jitħallew miftuħin, sakemm meta jinfetħu ma joħolqux periklu għas-sigurtà fit-triq, imma *wind screens* li jintwew 'l-isfel jew 'l fuq għandhom jinżammu magħluqa;

3.2.3. l-istorbju għandu jiġi mkejjel bl-rpm massimu permezz ta' miter tal-livell ta' ħsejjes li jkollu rispons bil-mod i.e. fuq il-*gear* li jagħti veloċità 'l quddiem l-eqreb lejn 7.25 km/h bl-rpm mogħtija. It-trattur ma jistax ikun mgħobbi meta jkun qiegħed isir il-kejl.

4. KRITERJI TA' EVALWAZZJONI

Il-kejl deskritti f' 3.2.2 u 3.2.3 ma jistgħux jaqbżu il-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2.

ANNESS III

DETERMINAZZJONI TA' PUNT TA' REFERENZA TAS- SEDIL

1. DEFINIZZJONI

1.1. Il-punt ta' referenza tas-sedil (S) għandu jkun il-punt fuq il-pjan longitudinali ċentrali tas-sedil fejn il-pjan tanġenzjali tal-biċċa ta' isfel tas-serħan tad-dahar u l-pjan orizzontali jissallbu**.** Dan il-pjan orizzontali jaqsam il-wiċċ ta' taħt tal-bord tas-sedili 150 mm 'l quddiem mill-punt ta' referenza tas-sedil.

2. DETERMINAZZJONI TA' PUNT TA' REFERENZA TAS- SEDIL

2.1. Il-punt ta' referenza għandu jinstab bl-użu ta' apparat muri fil-figuri 1 u 2 ta' l-Appendiċi ta' dan l-Anness, li jagħmilha possibbli li jissimula tagħbija minn okkupant uman.

2.2. Is-sedil għandu jiġi issettjat fil-punt tan-nofs tal-medda permessa għal aġġustament vertikali, u dan l-aġġustament għandu jkun indipendenti mill-aġġustament orizzontali. Għal skopijiet sabiex tiġi determinata l-lokalità tal-mikrofonu msemmija fis-sezzjoni 3 ta' l-Annessi I u II, is-sedil għandu jkun fil-punt jew kemm jista' jkun viċin tal-punt tan-nofs tal-medda ta' aġġustament orizzontali.

3. DESKRIZZJONI TA' L- APPARAT

3.1. L-apparat imsemmi f'2.1 għandu jikkonsisti f'bord tas-sedil u żewġ bordijiet ta' serħan tad-dahar.

3.2. Il-bord l-iktar baxx tas-serħan tad-dahar għandu jitwaħħal fir-reġjun ta' l-għadma tal-ġenbejn (A) u tal-ġenbejn (B), u l-ġog (B) għandu jkun aġġustabbli fl-għoli (ara l-figura 2).

4. ARMAR TA' L- APPARAT

L-apparat għandu jiġi armat kif ġej:


4.1. l-apparat għandu jitpoġġa fuq is-sedil;

4.2. għandu jiġi mbagħad mgħobbi b'forza ta' 550 N f'punt 50 mm quddiem il-ġog (A), u ż-żewġ bordijiet tas-serħan tad-dahar għandhom jiġu pressati bil-mod u b'mod tanġenzjali kontra s-serħan tad-dahar.

4.3. jekk ma jkunx possibbli li tiddetermina tanġent definittiv għaż-żona t'isfel tas-serħan tad-dahar, il-parti t'isfel tal-bord tas-serħan tad-dahar f'pożizzjoni vertikali għandha tintgħafas bil-mod kontra d-dahar.

4.4. fil-każ ta' sedili b'sospensjoni li aġġustabbli għatt-toqol tas-sewwieq, is-sospensjoni għandha tiġi issettjata b'mod li s-sedil ikun f'punt ekwidistanti miż-żewġ posizzjonijiet estremi tiegħu.


APPENDIĊI



Dimensjonijiet f'millimetri

Figura 1

g]addeterminazzjoni tal-punt ta' referenza tassedil



Dimensjonijiet f'millimetri

Figura 2

g]ad-determinazzjoni tal-punt ta' referenza tas-sedil